# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 22 TA’ FRAR 2002**

**Avviz Nru 1572/99DM**

**Tancred Borg**

**Vs**

**George Kissaun u Dr Paul Borg Olivier Lld li b’digriet ta’ 25 ta’ Novembru 1999 gie nominat kuratur biex jirraprezenta l-konvenuta ta’ Mary Kissaun li tinsab imsiefra l-Ingilterra u b’nota tat-18 ta’ Jannar 2000 Mary Kissaun assumiet l-atti f’isimha u b’digriet tal-11 ta’ Frar 2000 l-isem Mary Kissaun tal-konvenuta jigi mibdul bl-isem Anne Marie Kissaun**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jigu kkundannati sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-fond 7, Melita Street,

Sliema stante li qeghdin jokkupawh jew jiddetenuh minghajr ebda titolu validu fil-ligi u dan wara li okkorrendo jigi dikjarat li kwalunkwe titolu li seta' kellhom fil-ligi gie tterminat.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti li gew ingunti minn issa ghas-subizzjoni. Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizu ma jeccedix il-hames mitt Lira Maltija (Lm500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament l-isem tal-konvenuta "Mary" Kissaun huwa Anne Marie u mhux Mary u ghalhekk ghandha issir id-debita korrezzjoni;
2. Illi minghajr pregudizju tal-ewwel eccezzjoni din il-Qorti ma hijiex kompetenti li tiehu konjizjoni ta' din il-vertenza izda huwa kompetenti il-Bord li jirregola il-Kera billi dina l-lokazjoni hija fil-perjodu tar-rilokazjoni;
3. Illi minghajr pregudizzju tal-permess il-konvenut George Kissaun ma jokkupax il-fond in kwistjoni u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
4. Illi minghajr pregudizju ghal-eccezzjonijiet fuq sottomessi l-konvenuta Anne Marie Kissaun qeda tokkupa il-fond b'titolu ta' lokazjoni;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tad-9 ta' Novembru 2000 fejn il-konvenut jirtira l-ewwel eccezzjoni

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qieghdin jeccepixxu l-inkompetenza ta' din il-Qorti billi qieghdin jallegaw titolu validu ta' lokazzjoni li jinsab f'perjodu ta' rilokazzjoni.

Biex jippruvaw dan it-titolu l-konvenuti sejjhu lil-attur in subizzjoni u fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2000 l-attur Tancred Borg stqarr illi il-post in kwistjoni kien effettivament mikri lil Albert u Eugenia Kissaun, l-genituri tal-konvenuta Anne Marie Kissaun.

In oltre l-istess attur stqarr illi anke wara illi hu wiret il-proprjeta' tal-fond in kwistjoni, huwa kien accetta xi tlett skadenzi tal-kera minghand l-ezekutur tal-konjugi Kissaun, binhom il-konvenut odjern George Kissaun.

Billi ghalhekk l-istess attur jirrikonnoxxi lokazzjoni gia korrenti favur Albert u Eugenia Kissaun illi huma l-awturi tal-konvenut George Kissaun u jirrikonnoxxi wkoll li dana George Kissaun bhala bin l-inkwilini hallas il-kera ghal almenu tlett skadenzi u gew accettati minnhu, tirrizulta allura lokazzjoni korrenti fuq il-fond in kwistjoni u ghalhekk din il-Qorti m'hiex kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba attrici ghall-izgumbrament tal-konvenuti billi huwa t-tribunal specjali skond il-ligijiet specjali tal-kera li huwa kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta' talbiet simili meta tirrizulta lokazzjoni valida korretti u li tkun f'perjodu ta' rilokazzjoni.

Ghal dawn il-mottivi tastjeni milli tiehu konjezzjoni ulterjuri tal-kawza, u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 34